



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0253/2011

28.6.2011

RAKKOMANDAZZJONI

dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju
multiannwali għas-snin 2007-2013
(16973/3/2010 – C7-0024/2011 – 2010/0048(APP))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Reimer Böge

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	7
RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT	10

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2007-2013

(16973/3/2010 – C7-0024/2011 – 2010/0048(APP))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – approvazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill (16973/3/2010),
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda¹,
 - wara li kkunsidra t-talba għal approvazzjoni ppreżentata mill-Kunsill skont l-Artikolu 312 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0024/2011),
 - wara li kkunsidra l-mistoqsijiet għal tweġiba orali f'isem il-Kumitat tiegħu għall-Baġits li saru lill-Kunsill (O-0074/2010 - B7-0310/2010) u lill-Kummissjoni (O-0075/2010 - B7-0311/2010) fl-20 ta' Mejju 2010 u d-dibattitu waqt il-plenarja fil-15 ta' Ġunju 2010,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2007-2013²,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 75 u 81(1) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għall-Baġits (A7-0253/2011),
- A. billi l-istrument legali eżistenti li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali jeħtieġ li jiġi emendat wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona,
- B. billi t-tliet istituzzjonijiet li huma indirizzaw dan ir-rekwiżit:
- il-Kummissjoni ppreżentat l-hekk imsejjaħ "Pakkett ta' Lisbona" li jinvolvi proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2007-2013, abbozz ta' Ftehim Interistituzzjonali dwar il-kooperazzjoni fi kwistjonijiet baġitarji u propsta biex jiġi emendat ir-Regolament Finanzjarju,
 - il-Kunsill stabbilixxa l-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2007-2013,

¹ ĠU C 139, 17.6.2006, p.1.

² Testi Adottati, P7_TA(2010)0328.

- il-Parlament Ewropew għamel mistoqsijiet orali, adotta rizzoluzzjoni u pprova jiddiskuti l-"Pakkett ta' Lisbona" mal-istituzzjonijiet l-oħra fi trilogu matul il-proċedura baġitarja tal-2011,
- C. billi l-Parlament Ewropew iqis li l-Ftehim Interistituzzjonali attwali dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda jibqa' fis-seħħ sakemm ir-regolament il-ġdid li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali jidħol fis-seħħ, bl-eċċezzjoni tal-artikoli li m'għadhomx japplikaw wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona,
- D. billi, minkejja l-isforzi tal-presidenza fil-kariga Belġjana u dik Ungeriża, il-Kunsill ma wriex ir-rieda li jidħol f'negozjati dwar il-pakkett ta' Lisbona, kif previst fl-Artikolu 312(5) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
- E. billi t-tnaqqis fil-grad ta' flessibilità fil-qafas finanzjarju multiannwali propost mill-Kunsill jillimita s-setgħat u l-prerogattivi tal-Parlament meta mqabbla ma' dawk li jgawdi minnhom bħalissa,
- F. billi t-Trattat ta' Lisbona ma kienx maħsub li jwassal għal tnaqqis fil-prerogattivi tal-Parlament Ewropew, u l-Parlament Ewropew mhuwiex lest jaċċetta dan it-tnaqqis,
1. Jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tiegħu għall-abbozz ta' regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2007-2013;
 2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jiddikjara li l-proċedura leġiżlattiva nġhalqet u biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

NOTA SPJEGATTIVA

L-Artikolu 312 tat-TFUE jispeċifika li r-regolament tal-qafas finanzjarju multiannwali (QFM) għandu jiġi adottat mill-Kunsill wara li jikseb l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew. L-Artikolu 312(5) tat-TFUE jirrikjedi li t-tliet istituzzjonijiet jaħdmu flimkien biex isibu soluzzjoni "tul il-proċedura kollha li twassal għall-adozzjoni tal-qafas finanzjarju", jiġifieri l-proċedura ta' approvazzjoni fir-rigward tar-regolament tal-QFM hija bbażata fuq is-suppożizzjoni ta' negozjar preċedenti.

Il-Parlament Ewropew fisser l-opinjoni tiegħu dwar il-proposta tal-Kummissjoni b'mod ċar fil-mistoqsijiet orali tal-20 ta' Mejju 2010 u fir-risoluzzjoni tiegħu tat-22 ta' Settembru 2010. Il-Kunsill adotta l-proposta tiegħu fil-21 ta' Diċembru 2010 u talab l-approvazzjoni tal-Parlament Ewropew għall-proposta tiegħu fit-18 ta' Jannar 2011 mingħajr ma daħal f'negozjati mal-Parlament Ewropew bl-għan li jintlaħaq ftehim dwar pożizzjoni komuni.

Fl-ittra tiegħu tat-18 ta' Jannar 2011, il-Kunsill irrimarka li l-proposta tiegħu tinkludi l-introduzzjoni ta' ċertu grad ta' flessibilità, bi qbil max-xewqat tal-Parlament Ewropew. Din l-offerta mhix biżżejjed. Filwaqt li, fid-dawl taż-żieda fil-ħtiġijiet u l-marġni mnaqqsa, u ż-żieda fl-użu tal-istrumenti ta' flessibilità previsti fl-IIA (aġġustament u revizzjoni tal-limiti massimi u l-mobilizzazzjoni tal-Istrument ta' Flessibilità, tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, tal-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea u tar-Riżerva għal Għajnuna ta' Emerġenza) il-Parlament Ewropew kien insista fuq aktar flessibilità, u l-proposta tal-Kunsill għadha b'mod sinifikanti anqas flessibbli mill-IIA attwali. U l-ebda waħda mit-talbiet l-oħra tal-Parlament Ewropew, espressi fil-mistoqsijiet orali u fir-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew u matul it-trilogi dwar il-baġit 2011 ma ġiet indirizzata.

Il-Parlament Ewropew ma jistax jagħti l-approvazzjoni tiegħu għal din il-proposta għal abbozz ta' regolament tal-Kunsill dwar il-qafas finanzjarju multiannwali għas-snin 2007-2013. Wara li fittex parir legali, il-Parlament Ewropew iqis li l-Ftehim Interistituzzjonali attwali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-ġestjoni finanzjarja soda tas-17 ta' Mejju 2006¹ sadanittant jibqa' fis-seħħ, bl-eċċezzjoni tal-artikoli elenkati fl-anness li m'għadhomx japplikaw wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Lisbona, sakemm jidħol fis-seħħ ir-regolament il-ġdid li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju multiannwali. U jinsisti fuq negozjati ġenwini, bi qbil mal-Artikolu 312(5) tat-TFUE, fir-rigward ta' kwalunkwe proposti futuri.

Rigward il-qafas finanzjarju multiannwali ta' wara l-2013, il-Parlament Ewropew jistenna li l-proposta tal-Kummissjoni, li mistennija tiġi ppubblikata fid-29 ta' Ġunju 2011, ikun fiha flessibilità li tkun b'mod sinifikanti akbar.

¹ ĠU C 139, 14.6.2006, p.1

ANNEX

LISTA TAD-DISPOŻIZZJONIJIET TAL-IIA TAL-2006 LI M'GĦADHOMX JAPPLIKAW WAR A D-DĦUL FIS-SEĦĦ TAT-TRATTAT TA' LISBONA

Punt 3

Ir-referenza għat-Trattat KE m'għadhiex rilevanti.

Punt 13

M'għadux japplika wara t-tneħħija tad-distinzjoni bejn l-infiq obligatorju u dak li mhux obligatorju.

Punt 14

Ir-referenza għall-proċedura ta' kodeċiżjoni għandha tiġi sostitwita b'referenza għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Punt 23, paragrafu 3

M'għadux japplika wara t-tneħħija tad-distinzjoni bejn l-infiq obligatorju u dak li mhux obligatorju.

Punti 34, 35 u 36

It-tliet punti li huma jirrigwardaw id-distinzjoni bejn l-infiq obligatorju u dak li mhux obligatorju u għalhekk m'għadhomx japplikaw.

Punti 37 u 38

Ir-referenzi għall-proċedura ta' kodeċiżjoni issa huma mifhuma li jirreferu għall-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Punt 40

M'għadux japplika wara t-tneħħija tad-distinzjoni bejn l-infiq obligatorju u dak li mhux obligatorju.

Punt 42

Ir-referenza għall-Artikolu 28 tat-TUE issa għandha tinftiehem li tirreferi għall-Artikolu 41 tat-TUE.

Punt 43, l-ewwel paragrafu

Ir-rwol tal-Presidenza tal-Kunsill fil-PESK issa għadda għand is-SEAE u dan il-paragrafu

għalhekk sar superfluwu.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	27.6.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 25 -: 1 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Alexander Alvaro, Daniel Cohn-Bendit, Andrea Cozzolino, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Carl Haglund, Lucas Hartong, Jutta Haug, Monika Hohlmeier, Sidonia Elżbieta Jędrzejewska, Anne E. Jensen, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, Vladimír Maňka, Barbara Matera, Claudio Morganti, Miguel Portas, Dominique Riquet, László Surján, Helga Trüpel, Angelika Werthmann
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Georgios Stavrakakis